

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 756/2007

tad-29 ta' Ġunju 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 3223/94 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

prezzijiet unitarji potenzjalment skaduti m'għandhomx jibqgħu jintużaw fil-qafas tas-sistema tal-prezz tad-dħul.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

- (5) Minn meta saru l-modifiki għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 applikati mid-19 ta' Mejju 2006, fl-interessi taċ-ċertezza legali, dawk l-emendi għandhom japplikaw ukoll minn dik id-data.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-frott u fil-ħxejjex ⁽¹⁾, u partikolarment l-Artikolu 32(2) tiegħu,

- (6) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 3223/94 fih lista ta' swieq rappreżentattivi. Dik il-lista għandha tkun emendata biex tinkludi s-swieq rappreżentattivi fil-Bulgarija u r-Rumanija.

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 3223/94 tal-21 ta' Diċembru 1994 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-arranġamenti dwar l-importazzjoni tal-frott u l-ħxejjex ⁽²⁾ jorbot ma' ċerti dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 173 sa 176 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfissra d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi il-Kodiċi Doganali Komunitarju ⁽³⁾.

- (7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħaxix Frisk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 3223/94 huwa emendat kif ġej:

- (2) Dawk id-dispożizzjonijiet madankollu tneħħew permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 215/2006 tat-8 ta' Frar 2006 li jemenda r-regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2454/93 tat-2 ta' Lulju 1993 li jfissra d-dispożizzjonijiet għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabbilixxi l-Kodiċi Doganali Komunitarju u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2286/2003 ⁽⁴⁾.

- (1) Fl-Artikolu 2(2), it-tieni u t-tielet sub-paragrafi jinbidlu b'dan li ġej:

- (3) Fl-interessi taċ-ċertezza legali huwa għalhekk meħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 3223/94 jiġi emendat bit-tibdil meħtieġ sabiex ikompli jopera mingħajr xkiel.

"Għandhom jitnaqqsu bl-ammonti li ġejjin:

- (a) marġini tat-tqegħid fis-suq ta' 15 % għaċ-ċentri tal-bejgħ ta' Londra, Milan u Rungis u ta' 8 % għaċ-ċentri tal-bejgħ l-oħrajn, u

- (4) Il-prezzijiet tal-frott u l-ħaxix jinbidlu malajr, u f'konformità ma' l-emendi għar-Regolament (KEE) Nru 2454/93,

- (b) l-ispejjeż tat-trasport u assigurazzjoni fit-territorju doganali.

⁽¹⁾ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

⁽²⁾ ĠU L 337, 24.12.1994, p. 66. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 386/2005 ĠU L 62, 9.3.2005, p. 3).

⁽³⁾ ĠU L 253, 11.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 214/2007 (ĠU L 62, 1.3.2007, p. 6).

⁽⁴⁾ ĠU L 38, 9.2.2006, p. 11.

Għall-ispejjeż tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni li għandhom jitnaqqsu skond it-tielet subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw ammonti standard għat-tnaqqis. Dawn l-ammonti standard u l-metodi għal kalkolu tagħhom għandhom jiġu mgħarrfa immedjatament lill-Kummissjoni."

(2) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

“1. Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu bħala swieq rappreżentattivi:

- Il-Belġju u l-Lussemburgu: Brussell,
- Il-Bulgarija: Sofija
- Ir-Repubblika Ċeka: Praga,
- Id-Danimarka: Kopenhagen,
- Il-Ġermanja: Hamburg, Munich, Frankfurt, Cologne, Berlin,
- L-Estonja: Tallinn,
- L-Irlanda: Dublin,
- Il-Greċja: Atena, Thessaloniki,
- Spanja: Madrid, Barċellona, Sevilja, Bilbao, Zaragoza, Valencia,
- Franza: Pariġi-Rungis, Marsilja, Rouen, Dieppe, Perpignan, Nantes, Bordeaux, Lyon, Toulouse,
- L-Italja: Milan,
- Ċipru: Nikosija,
- Il-Latvja: Riga,
- Il-Litwanja: Vilnius,
- L-Ungerija: Budapest,
- Malta: H'Attard,
- L-Olanda: Rotterdam,
- L-Awstrija: Vjenna-Inzersdorf,

— Il-Polonja: Ozarów Mazowiecki-Bronisze, Poznan,

— Il-Portugall: Liżbona, Porto,

— Ir-Rumanija: Bukarest, Constanța

— Is-Slovenja: Ljubljana,

— Is-Slovakkja: Bratislava,

— Il-Finlandja: Helsinki,

— L-Iżvezja: Helsingborg, Stokkolma,

— Ir-Renju Unit: Londra.”

(3) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Meta valur standard jiġi stabbilit għall-prodotti u għall-perjodi ta' l-applikazzjoni li jidhru fil-Parti A ta' l-Anness, skond dan ir-Regolament, il-prezz unitarju [ta' unità] fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 152(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93 ma għandux japplika. Dan għandu jinbidel bil-valur standard tal-importazzjoni msemmija fil-paragrafu 1.”

(4) Fl-Artikolu 4, il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

“5. Minkejja l-paragrafu 1, b'effett mill-ewwel jum tal-perjodi ta' applikazzjoni stipulati fil-Parti A ta' l-Anness, fejn ma kienx possibbli li jiġi kkalkulat valur standard ta' l-importazzjoni, l-ebda valur ta' l-importazzjoni standard m'għandu jkun applikabbli.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Il-paragrafi (1), (3) u (4) ta' l-Artikolu 1 għandhom japplikaw mid-19 ta' Mejju 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni